

- Il-Bord tal-Appell tal-EUIPO wettaq żball ta' li ġi meta ddikkjara li l-parti l-oħra hija "ferm magħrufa";
 - Ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni;
 - Il-Bord tal-Appell tal-EUIPO wettaq żball meta aċċetta li ma għandu jkun hemm ebda restrizzjoni fir-rigward tal-oġġetti/servizzi li għalihom id-dikjarazzjoni tal-invalidità għandha tiġi milqugħha.
-

Rikors ippreżentat fis-7 ta' Marzu 2018 – Beko vs EUIPO – Acer (ALTUS)

(Kawża T-162/18)

(2018/C 152/68)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Beko plc (Watford, ir-Renju Unit) (rappreżentant: G. Tritton, barrister)

Konvenut: L-Ufficċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra fil-proċedimenti quddiem il-Bord tal-Appell: Acer, Inc. (Tajpei, it-Tajwan)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant: ir-rikorrenti

Trade mark kontenjuha kkonċernata: it-trade mark figurattiva tal-UE ALTUS – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 6 490 809

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ħames Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-13 ta' Diċembru 2017 fil-Każ R 1991/2016-5

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tibgħat lura l-kawża lill-EUIPO sabiex jeżamina mill-ġdid it-talba għal sospensjoni;
- tordna s-sospensjoni tal-proċeduri;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż rispettivi tiegħu u għal dawk tar-rikorrenti.

Motiv invokat

- L-EUIPO żbalja meta ma laqax it-talba għas-sospensjoni tal-proċedimenti tal-oppożizzjoni sal-eżitu tal-proċedura Slovakka. B'mod partikolari, ir-raġunament tal-Ħames Bord tal-Appell kien manifestament żbaljat u/jew irraġonevoli u/jew naqas milli jindirizza l-“problema fl-intier tagħha” u għalhekk ma kienx f'pożizzjoni li jqis id-diversi interassi inkwiżjoni u/jew kien jammonta għal abbuż tal-poter.
-